

Brussell, 17 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10129/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0202(NLE)

TRANS 374
RELEX 783

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Ġunju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 310 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 310 final.

Mehmuż: COM(2022) 310 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.6.2022
COM(2022) 310 final

2022/0202 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Minħabba l-gwerra tal-aggressjoni Russa fl-Ukrajna, it-trasport tal-merkanzija mir-Repubblika tal-Moldova sar diffiċli ħafna. L-operaturi Moldovani qed ikollhom ifittxu rotot alternattivi biex jevitaw li jgħaddu mit-territorju tal-Ukrajna li s'issa kien l-unika triq li torbothom mas-swieq ta' pajjiżi terzi fil-Lvant tal-Ukrajna. L-impossibbiltà ta' tranżitu mill-Ukrajna tipperikola l-issodisfar ta' kuntratti fit-tul li għandhom l-operaturi Moldovani mas-sħab kummerċjali tagħhom fir-reġjun tal-Lvant għall-forniment tal-merkanzija (speċjalment tal-prodotti agrikoli). Barra minn hekk, dawn l-operaturi issa jaf qed ikollhom bżonn ifittxu sħab kummerċjali oħra, u dan jaf qed iżid l-operazzjonijiet tat-trasport bilaterali tagħhom mal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

It-trasport tal-merkanzija bit-triq bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Moldova bħalissa hu regolat b'żewġ settijiet ewlenin ta' mekkaniżmi, jiġifieri ftehimiet bilaterali dwar it-trasport bejn l-Istati Membri u r-Repubblika tal-Moldova u permessi mogħtija fil-qafas tas-sistema tal-kwoti multilaterali tal-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport (ECMT) fil-Forum Internazzjonali tat-Trasport. Dawn iż-żewġ mekkaniżmi jimponu kwoti fuq it-trasportaturi miż-żewġ naħat, b'rabta mat-tranżitu u l-kummerċ bilaterali.

Għalhekk, fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, l-operaturi Moldovani qed ikollhom iżidu t-tranżitu fl-operazzjonijiet tat-trasport bit-triq Ewropej u bilaterali mal-Istati Membri. Dan jappoġġa wkoll lis-soċjetà u lill-ekonomija tal-Moldova li ntliaqtu ġmielu mill-gwerra tal-aggressjoni Russa u li proviżorjament laqgħu aktar minn 350 000 refuġjat mill-Ukrajna u li kienu fi tranżitu lejn pajjiżi oħra. Madankollu, iż-żieda fl-użu tal-għadd ta' operazzjonijiet tat-trasport bit-triq meta mqabbel maż-żminijiet normali aktarx li tisboq il-kwoti stabbiliti fil-ftehimiet bilaterali tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Moldova u mogħtija permezz tal-ECMT fil-Forum Internazzjonali tat-Trasport.

Għaldaqstant, dan il-Ftehim dwar it-trasport bit-triq bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova jissostitwixxi l-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar it-trasport bejn l-Istati Membri u l-Moldova u jiffaċilita l-użu ta' rotot alternattivi bit-triq għall-operaturi, peress li jilliberalizza l-operazzjonijiet bilaterali u t-tranżitu bejn iż-żewġ Partijiet.

Għalhekk, jixraq jiġi ffirmat Ftehim li jilliberalizza t-trasport tal-merkanzija bit-triq bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova fejn jidħlu l-operazzjonijiet bilaterali u t-tranżitu. Dan il-Ftehim jenħtieġ li jkun limitat fiż-żmien iżda bil-possibbiltà ta' tiġdid.

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Dan il-Ftehim hu konsistenti mal-politika attwali tal-UE dwar ir-relazzjonijiet esterni mar-Repubblika tal-Moldova. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Moldova talab dan il-Ftehim bħala miżura urġenti.

Il-Ftehim dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq mar-Repubblika tal-Moldova jkun ukoll konformi mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni¹, għax l-Artikolu 82 tiegħu jappella għal kooperazzjoni li ttejjeb il-moviment tal-merkanzija, iżżid il-fluwidità tal-flussi tat-trasport bejn ir-Repubblika tal-Moldova, l-UE u pajjiżi terzi fir-reġjun, billi jitneħħew l-ostakli amministrattivi, tekniċi u oħrajn.

¹ Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom u r-Repubblika tal-Moldova.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 91 flimkien mal-Artikolu 218(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli.

- **Proporzjonalità**

Il-Ftehim hu l-aktar strument effiċjenti biex jissaħħu r-relazzjonijiet tat-trasport bit-triq bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova, peress li dan ineħħi l-limitazzjonijiet eżistenti imposti mis-sistemi tal-kwoti u tal-permessi.

Dan il-Ftehim ma jimponi l-ebda piż amministrattiv jew finanzjarju addizzjonali, la fuq l-awtoritajiet tal-Istati Membri u lanqas fuq l-industrija meta mqabbel mas-sitwazzjoni attwali. Għall-kuntrarju, dan se jnaqqas il-piż amministrattiv lill-industrija kif ukoll lill-Istati Membri. B'mod partikolari, se jneħħi l-ħtieġa għal permessi tat-trasport lit-trasportaturi tal-UE għall-kategoriji indikati tad-drittijiet tat-trasport (drittijiet ta' tranżitu u bilaterali), u b'hekk jonqos il-piż għall-industrija tat-trasport tal-UE u għall-awtoritajiet tal-Istati Membri fejn jidħlu l-formalitajiet amministrattivi marbuta mal-ħruġ u l-istampar ta' dawn il-permessi.

- **Għażla tal-istrument**

Ftehim Internazzjonali.

3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-
evalwazzjoni u r-rapportar**

Dan il-Ftehim jinkludi mekkaniżmu ta' rieżami previst fl-Artikoli 5 u 6 biex jivvaluta l-ħtieġa u t-tul ta' żmien tat-tiġdid tiegħu. Għal dan il-għan, l-Artikolu 5(2) u l-Artikolu 6(2) jistabbilixxu li l-Kumitat Konġunt għandu jitlaqqa' fi żmien tliet xhur qabel l-iskadenza tal-Ftehim.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jawtorizza l-iffirmar tal-Ftehim f'isem l-Unjoni Ewropea, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

L-Artikolu 2 jeżiġi li s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jistabbilixxi l-istrument ta' setgħat sħaħ għall-iffirmar tal-Ftehim, soġġett għall-konklużjoni tiegħu, lill-persuna/i indikata/i mill-Kummissjoni.

L-Artikolu 3 jipprevedi applikazzjoni proviżorja f'konformità mal-Artikolu 12 tal-Ftehim

L-Artikolu 4 jipprevedi d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni proposta.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-2 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill awtorizza l-bidu ta' negozjati mar-Repubblika tal-Moldova dwar Ftehim dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova (minn hawn 'il quddiem, il-“Ftehim”).
- (2) In-negozjati ġew konklużi b'suċċess fil-15 ta' Ġunju 2022.
- (3) Fid-dawl tat-tfixkil importanti fis-settur tat-trasport fir-Repubblika tal-Moldova kkawżat mill-gwerra tal-aggressjoni Russa fl-Ukrajna, l-operaturi tal-Moldova qed jeħtiġilhom isibu rotot alternattivi ta' tranżitu bit-triq mill-Unjoni Ewropea u jsibu swieq ġodda biex jespportaw il-merkanzija tagħhom.
- (4) Peress li l-permessi mogħtija fil-qafas tas-sistema multilaterali tal-kwoti tal-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport (ECMT) fil-Forum Internazzjonali tat-Trasport u l-ftehimiet bilaterali eżistenti mar-Repubblika tal-Moldova ma jippermettux il-flessibbiltà meħtieġa għall-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq Moldovani biex iżidu u jippjanaw bil-quddiem l-operazzjonijiet tagħhom mill-Unjoni Ewropea u mal-Unjoni Ewropea, hu kruċjali li t-trasport tal-merkanzija bit-triq jiġi liberalizzat għall-operazzjonijiet bilaterali u għat-tranżitu.
- (5) Għalhekk b'mod urġenti jenħtieġ li jiġi ffirmat dan il-Ftehim f'isem l-Unjoni Ewropea, b'limitu ta' żmien u bil-possibbiltà ta' tiġdid, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (6) Biex jibdeu jintużaw l-effetti ta' benefiċċju ta' dan il-Ftehim dwar it-trasport tal-merkanzija malajr kemm jista' jkun, il-Ftehim jenħtieġ li jiġi applikat b'mod proviżorju f'konformità mal-Artikolu 12 tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova, hu b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim.

It-test tal-Ftehim hu meħmuż fl-Anness 1 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrument ta' setgħat sħaħ għall-iffirmar tal-Ftehim, soġġett għall-konklużjoni tiegħu, għall-persuna/i indikata/i mill-Kummissjoni.

Artikolu 3

Il-Ftehim għandu jiġi applikat b'mod proviżorju f'konformità mal-Artikolu 12 tal-Ftehim, mid-data tal-firma tiegħu, sakemm jidħol fis-seħħ.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President